MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 321/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Aaron Ritchie ta’ 25 sena, imwieled Portsmouth UK, nhar is-17.02.1984, iben Edgar u Janet nee` Rayner, residenti gewwa nru. 176, Tropicana, Cospicua Road, Paola u detentur ta’ numru tal-karta ta’ l-identita 77000L**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Aaron Ritchie li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fis-27 ta’ Dicembru 2009:

kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat qed jircievi l-ghajnuna li ghandu bzonn u llum huwa missier u ghandu tarbija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u Section 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u

b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal- Kapitolu 446 qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kundizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk jonqos li jsegwi xi ordni mghotija lilur mill-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------